4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) huwa kundizzjoni suffiċjenti sabiex awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja nazzjonali rilevanti ***tkun tista’*** tibda mingħajr dewmien il-proċedura biex tiġi stralċjata l-istituzzjoni jew l-entità b’mod ordnat f’konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli.”:	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) huwa kundizzjoni suffiċjenti sabiex awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja nazzjonali rilevanti tibda mingħajr dewmien il-proċedura biex tiġi stralċjata l-istituzzjoni jew l-entità b’mod ordnat f’konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli.”:

Or. en

Emenda 289
Ernest Urtasun
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ finanzjarju ***pubbliku*** straordinarju	Appoġġ finanzjarju straordinarju

Or. en

Emenda 290
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju***	Appoġġ finanzjarju pubbliku

Or. en

Emenda 291
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju***	Appoġġ finanzjarju pubbliku

Or. en

Emenda 292
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni jista' jingħata lil istituzzjoni jew entità kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), fuq bażi eċċezzjonali biss ***f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u diment li l-appoġġ finanzjarju***	1. ***Qabel ma jagħtu appoġġ finanzjarju pubbliku, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jittrasferixxu l-istituzzjoni kkonċernata kollha jew parti minnha għal sjieda pubblika. Jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li jagħti appoġġ finanzjarju pubbliku minflok jittrasferixxi l-istituzzjoni kkonċernata kollha jew parti***

pubbliku straordinarju jikkonforma mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:

minnha fi sjieda pubblika, għandu jipprovdi dikjarazzjoni pubblika bil-miktub u quddiem il-parlament nazzjonali u jispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni jista' jingħata lil istituzzjoni jew entità kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), fuq bażi eċċezzjonali:

Or. en

Emenda 293
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni jista' jingħata lil istituzzjoni jew entità kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), ***fuq bażi eċċezzjonali*** biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u diment li l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** jikkonforma mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju pubbliku barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni ***jew tal-istralċ skont il-proċeduri applikabbli*** jista' jingħata lil istituzzjoni jew entità kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u diment li l-appoġġ finanzjarju pubbliku jikkonforma mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:

Or. en

Emenda 294
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni jista' jingħata lil istituzzjoni jew entità kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), ***fuq bażi eċċezzjonali*** biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u diment li l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** jikkonforma mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju pubbliku barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni ***jew tal-istralċ skont il-proċeduri applikabbli*** jista' jingħata lil istituzzjoni jew entità kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u diment li l-appoġġ finanzjarju pubbliku jikkonforma mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:

Or. en

Emenda 295
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju ***pubbliku*** straordinarju barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni jista' jingħata lil istituzzjoni jew entità kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), fuq bażi eċċezzjonali biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u diment li l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jikkonforma mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju straordinarju barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni jista' jingħata lil istituzzjoni jew entità kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), fuq bażi eċċezzjonali biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u diment li l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jikkonforma mal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:

Or. en

Emenda 296
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru jew sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:	***imħassar***
(i) garanzija tal-gvern biex tappoġġa l-faċilitajiet ta' likwidità pprovduti minn banek ċentrali f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-banek ċentrali;	
(ii) garanzija tal-gvern ta' obbligazzjonijiet maħruġa ġodda;	
(iii) akkwiżizzjoni ta' strumenti ta' fondi proprji għajr strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jew ta' strumenti kapitali oħrajn jew użu ta' miżuri ta' assi indeboliti, bi prezzijiet, durata u termini oħrajn li ma jagħtux vantaġġ mhux dovut lill-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata, meta la ċ-ċirkostanzi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 32(4) u lanqas iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 59(3) ma jkunu preżenti fiż-żmien meta jingħata l-appoġġ pubbliku;	

Or. en

Emenda 297
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb ***serju*** fl-ekonomija ta' Stat Membru jew sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà	(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb f***uq skala kbira ħafna*** fl-ekonomija ta' Stat Membru jew sabiex tiġi ppreservata l-

finanzjarja, l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** jieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:	istabbiltà finanzjarja ***meta din tkun affettwata b'mod negattiv minn avvenimenti sistemiċi ta' skala kbira***, l-appoġġ finanzjarju pubbliku jieħu kwalunkwe waħda mill-forom ***straordinarji*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 298
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru jew sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** jieħu kwalunkwe waħda mill-***forom*** li ġejjin:	(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru jew sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, l-appoġġ finanzjarju pubbliku jieħu kwalunkwe waħda mill-***miżuri ta' appoġġ straordinarji*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 299
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru ***jew*** sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:	(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru ***u*** sabiex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

Or. en

Emenda 300
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt a – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) akkwiżizzjoni ta' ***strumenti*** ta' fondi proprji ***għajr strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jew ta'*** strumenti ***kapitali oħrajn*** jew użu ta' miżuri ta' assi indeboliti***, bi prezzijiet, durata u termini oħrajn li ma jagħtux vantaġġ mhux dovut lill-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata, meta la*** ċ-ċirkostanzi msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 32(4) u lanqas iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 59(3) ma jkunu preżenti fiż-żmien meta jingħata l-appoġġ pubbliku;	(iii) akkwiżizzjoni ta' strumenti ta' fondi proprji jew użu ta' miżuri ta' assi indeboliti ***dment li ebda*** ċirkostanza msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 32(4) u lanqas iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 59(3) ma jkunu preżenti fiż-żmien meta jingħata l-appoġġ pubbliku;

Or. en

Emenda 301
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti biex tiġi ppreservata s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, diment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) ma tkun preżenti;	***Imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fondi tal-SGD jingabru privatament. Għalhekk, l-użu tagħhom ma għandux ikun suġġett għall-kontroll tal-għajnuna mill-istat.

Emenda 302
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta ***l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta'*** intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti biex ***tiġi ppreservata*** s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-***Artikoli 11a u 11b tad-***Direttiva 2014/49/UE, diment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) ma tkun preżenti;	(b) meta intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti biex ***tinżamm*** is-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu ***jikkostitwixxi appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju*** f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti ***fid-*** Direttiva 2014/49/UE, diment li ***(i) soġġett għall-każijiet imsemmija fil-punt (ii),*** l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) ma tkun preżenti; ***(ii) fil-każ ta' skema ta' garanzija ta' depożiti li hija rikonoxxuta bħala skema ta' protezzjoni istituzzjonali, l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma ħadet l-ebda azzjoni ta' riżoluzzjoni taħt l-Artikolu 32;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

In line with our proposed amendments to Art. 11 et seq. of the draft DGSD, Deposit Guarantee Schemes that are also recognised as Institutional Protection Schemes shall remain able to act in case that the institution is failing or likely to fail. Accordingly, the references here to Art. 11 ff. DGSD and the rendition of Art. 11 (3) DGSD, according to which preventive measures may only be carried out before a FOLF status, must be adjusted. These amendments are required to maintain the mission and functioning of institutional protection

schemes. The suggested wording of point (b) can be misunderstood to mean that in the future all preventive measures, including those of private deposit guarantee schemes, are to constitute state aid. This should be clarified.

Emenda 303
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti ***biex tiġi ppreservata s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu*** f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, diment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) ma tkun preżenti;	(b) meta l-għajnuna finanzjarja pubblika tieħu l-forma ta' intervent permezz ta' skema ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, dment li ma tkun preżenti l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 32(4);

Or. en

Emenda 304
Herbert Dorfmann, Othmar Karas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta ***l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta'*** intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti biex tiġi ppreservata s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-***Artikoli 11a u 11b tad-***Direttiva 2014/49/UE***, diment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-***	(b) meta intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti biex ***tippreserva*** s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu ***jikkostitwixxi appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju*** f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE***:***

Artikolu 32(4) ma tkun preżenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The suggested wording of point (b) can be misunderstood to mean that in the future all preventive measures, including those of private deposit guarantee schemes, are to constitute state aid. Since such a comprehensive change of the legal situation is not intended, the wording should be made clearer, and it should be specified that it only applies if the conditions of state aid are fulfilled. Moreover, in line with our proposed amendments to Art. 11 et seq. of the draft DGSD, Deposit Guarantee Schemes that are also recognised as Institutional Protection Schemes shall remain able to act in case that the institution is failing or likely to fail. Accordingly, the references here to Art. 11 ff. DGSD and the rendition of Art. 11 (3) DGSD, according to which preventive measures may only be carried out before a FOLF status, must be adjusted. These amendments are essential to maintain the mission and functioning of institutional protection schemes.

Emenda 305
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti ***biex tiġi ppreservata s-solidità finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu*** f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, diment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) ma tkun preżenti;	(b) meta l-għajnuna finanzjarja pubblika tieħu l-forma ta' intervent permezz ta' skema ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, dment li ma tkun preżenti l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 32(4);

Or. en

Emenda 306
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19

Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti biex tiġi ppreservata s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, diment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) ma tkun preżenti;	(b) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti biex tiġi ppreservata s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, diment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) ma tkun preżenti;

Or. en

Emenda 307
Herbert Dorfmann, Othmar Karas, Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) soġġett għall-każijiet imsemmija taħt il-punt (bb), l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 32(4) ma tkun preżenti;

Or. en

Emenda 308
Herbert Dorfmann, Othmar Karas, Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) fil-każ ta' skema ta' garanzija ta'

depożiti li hija rikonoxxuta bħala IPS, l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma ħadet l-ebda azzjoni ta' riżoluzzjoni taħt l-Artikolu 32;

Or. en

Emenda 309
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-istralċ ta' istituzzjoni skont l-Artikolu 32b u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE;	(c) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-istralċ ta' istituzzjoni ***tal-kreditu*** skont l-Artikolu 32b u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE;

Or. en

Emenda 310
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-istralċ ta' istituzzjoni skont l-Artikolu 32b u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE;	(c) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-istralċ ta' istituzzjoni skont l-Artikolu 32b u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE;

Or. en

Emenda 311
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku ***straordinarju*** jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-istralċ ta' istituzzjoni skont l-Artikolu 32b u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE;	(c) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku jieħu l-forma ta' intervent minn skema ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-istralċ ta' istituzzjoni skont l-Artikolu 32b u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE;

Or. en

Emenda 312
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE mogħtija fil-kuntest tal-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità skont l-Artikolu 32b ta' din id-Direttiva, għajr l-appoġġ mogħti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 313
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju jieħu l-forma ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE mogħtija fil-kuntest tal-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità skont l-Artikolu 32b ta' din id-Direttiva, għajr l-appoġġ mogħti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE.	(d) meta l-appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju ***b'reazzjoni għal theddida sistemika fuq skala kbira għall-istabbiltà finanzjarja, kemm jekk kontinwa kif ukoll jekk potenzjali,*** jieħu l-forma ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE mogħtija fil-kuntest tal-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità skont l-Artikolu 32b ta' din id-Direttiva, għajr l-appoġġ mogħti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE.

Or. en

Emenda 314
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' appoġġ għall-istituzzjoni kkonċernata jkunu kundizzjonali fuq miżuri ta' mġiba jew strutturali li jippromovu l-interess pubbliku, inkluż it-tnaqqis tar-riskji assoċjati mal-kumplessità, l-interkonnettività u d-daqs tal-istituzzjonijiet fis-settur bankarju. Barra minn hekk,*** il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 315
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	Il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-***punti*** (a) ***u (b)*** tal-paragrafu 1għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Forom preventivi ta' appoġġ jenħtieġ li jiġu ttrattati fuq bażi ugwali biex jippreservaw il-kundizzjonijiet ekwi, kemm jekk ikunu ġejjin minn fondi pubbliċi kif ukoll minn SGD privat. Fir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, huwa importanti li jiġi żgurat li tintuża l-aktar valutazzjoni xierqa.

Emenda 316
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt ***(a)*** tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	Il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt ***(b)*** tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 317
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-miżuri jkunu ta' natura prekawzjonarja u temporanja u jkunu bbażati fuq strateġija ta' ħruġ definita minn qabel approvata mill-awtorità kompetenti***,** ***inkluża data ta' terminazzjoni speċifikata b'mod ċar, data tal-bejgħ jew skeda ta' ħlas lura għal kwalunkwe waħda mill-miżuri pprovduti***;	(b) il-miżuri jkunu ta' natura prekawzjonarja u temporanja u jkunu bbażati fuq strateġija ta' ħruġ definita minn qabel approvata mill-awtorità kompetenti;

Or. en

Emenda 318
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-miżuri ma jintużawx biex jikkumpensaw għat-telf li l-istituzzjoni jew l-entità tkun ġarrbet jew li x'aktarx iġġarrab ***fil-futur qrib***.	(d) il-miżuri ma jintużawx biex jikkumpensaw għat-telf li l-istituzzjoni jew l-entità tkun ġarrbet jew li x'aktarx iġġarrab fit-***12-il xahar sussegwenti***.

Or. en

Emenda 319
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	B'deroga mill-punt (d) tal-paragrafu 2, il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, jistgħu jintużaw biex jikkumpensaw it-telf li l-istituzzjoni jew l-entità x'aktarx iġarrbu fil-futur qarib fejn eċċezzjoni għar-rekwiżit tal-kondiviżjoni tal-pożijiet isir taħt il-qafas tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 320
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, istituzzjoni jew entità għandha titqies li hija solventi meta l-awtorità kompetenti tkun ikkonkludiet li ma seħħ l-ebda ksur***, *jew li x'aktarx iseħħ fit-12-il xahar ta' wara,*** ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew tar-rekwiżiti applikabbli rilevanti skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.	Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, istituzzjoni jew entità għandha titqies li hija solventi meta l-awtorità kompetenti tkun ikkonkludiet li ma seħħ l-ebda ksur ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew tar-rekwiżiti applikabbli rilevanti skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali. ***L-awtorità kompetenti tista' tqis istituzzjoni jew entità bħala solventi meta tiddetermina li ksur ta' dawn ir-rekwiżiti huwa ta' natura temporanja, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, u sakemm l-istituzzjoni jew entità tista' turi pjan raġonevoli biex tirrimedja l-ksur f'perjodu ta' żmien xieraq kif determinat mill-awtorità kompetenti.***

Or. en

Emenda 321
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, istituzzjoni jew entità għandha titqies li hija solventi meta l-awtorità kompetenti tkun ikkonkludiet li ma seħħ l-ebda ksur***, *jew li x'aktarx iseħħ fit-12-il xahar ta' wara,*** ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew tar-rekwiżiti applikabbli rilevanti skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.	Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, istituzzjoni jew entità għandha titqies li hija solventi meta l-awtorità kompetenti tkun ikkonkludiet li ma seħħ l-ebda ksur ta' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew tar-rekwiżiti applikabbli rilevanti skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 322
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtorità kompetenti tista' tqis istituzzjoni jew entità bħala solventi meta tiddetermina li ksur ta' dawn ir-rekwiżiti huwa ta' natura temporanja, filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, u sakemm l-istituzzjoni jew entità tista' turi pjan raġonevoli biex tirrimedja l-ksur f'perjodu ta' żmien xieraq kif determinat mill-awtorità kompetenti.

Or. en

Emenda 323
Luděk Niedermayer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtorità kompetenti għandha tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li l-kwantifikazzjoni tkun ibbażata fuq il-valur tas-suq tal-assi, l-obbligazzjonijiet u l-entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni jew tal-entità.

Or. en

Emenda 324
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tikkwantifika t-telf li l-istituzzjoni jew l-entità ġarrbet jew x'aktarx iġġarrab. Dik il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni jew tal-entità, diment li l-karta bilanċjali tikkonforma mar-regoli u l-istandards kontabilistiċi applikabbli, kif ikkonfermati minn awditur estern indipendenti ***u, fejn disponibbli, fuq ir-rieżamijiet tal-kwalità tal-assi mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali, jew, fejn xieraq, fuq***	Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tikkwantifika t-telf li l-istituzzjoni jew l-entità ġarrbet jew x'aktarx iġġarrab. Dik il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq ***ir-rieżamijiet tal-kwalità tal-assi mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali, jew, fejn xieraq, fuq spezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-awtorità kompetenti. Fejn tali eżerċizzji ma jistgħux isiru fil-ħin, l-awtorità kompetenti tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq*** il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni jew tal-entità, sakemm il-

spezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill- awtorità kompetenti.	karta bilanċjali tikkonforma mar-regoli u l-istandards tal-kontabilità applikabbli, kif ikkonfermat minn awditur estern indipendenti**.** L-awtorità kompetenti ***jenħtieġ li tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li l-kwantifikazzjoni tkun ibbażata fuq il-valur tas-suq tal-assi, l-obbligazzjonijiet u l-entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni jew tal-entità***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Forom preventivi ta' appoġġ jenħtieġ li jiġu ttrattati fuq bażi ugwali biex jippreservaw il-kundizzjonijiet ekwi, kemm jekk ikunu ġejjin minn fondi pubbliċi kif ukoll minn SGD privat. Fir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, huwa importanti li jiġi żgurat li tintuża l-aktar valutazzjoni xierqa.

Emenda 325
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tikkwantifika t-telf li l-istituzzjoni jew l-entità ġarrbet jew x'aktarx iġġarrab. Dik il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni jew tal-entità, diment li l-karta bilanċjali tikkonforma mar-regoli u l-istandards kontabilistiċi applikabbli, kif ikkonfermati minn awditur estern indipendenti ***u, fejn disponibbli, fuq ir-rieżamijiet tal-kwalità tal-assi mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali, jew, fejn xieraq, fuq spezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-awtorità kompetenti***.	Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tikkwantifika t-telf li l-istituzzjoni jew l-entità ġarrbet jew x'aktarx iġġarrab. Dik il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata, bħala minimu, ***fuq ir-rieżamijiet tal-kwalità tal-assi mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali, jew, fejn xieraq, fuq spezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-awtorità kompetenti. Fejn tali eżerċizzji ma jistgħux isiru fil-ħin, l-awtorità kompetenti tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha*** fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni jew tal-entità, sakemm il-karta bilanċjali tikkonforma mar-regoli u l-istandards tal-kontabilità applikabbli, kif ikkonfermat minn awditur estern

indipendenti.

Or. en

Emenda 326
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-***punt (a)(iii) tal-paragrafu 1*** għandhom ikunu limitati għal miżuri li ġew ivvalutati mill-awtorità kompetenti kif meħtieġ biex tinżamm is-solvenza tal-istituzzjoni jew tal-entità billi jiġi indirizzat id-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers ta' testijiet tal-istress nazzjonali, tal-Unjoni jew tal-SSM jew eżerċizzji ekwivalenti mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali, fejn applikabbli, ikkonfermati mill-awtorità kompetenti.	***Il-miżuri*** ta' appoġġ ***jistgħu jinvolvu akkwiżizzjoni ta' strumenti ta' fondi proprji għajr strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jew ta' strumenti kapitali oħrajn jew użu ta'*** miżuri ***ta' assi indeboliti, bi prezzijiet, durata u termini oħrajn li ma jagħtux vantaġġ mhux dovut lill-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata, meta la ċ-ċirkostanzi*** msemmija fil-***punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 32(4) u lanqas iċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 59(3) ma jkunu preżenti fiż-żmien meta jingħata l-appoġġ pubbliku;*** ***L-appoġġ*** għandu jkun limitat għal miżuri li ġew ivvalutati mill-awtorità kompetenti kif meħtieġ biex tinżamm is-solvenza tal-istituzzjoni jew tal-entità billi jiġi indirizzat id-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers ta' testijiet tal-istress nazzjonali, tal-Unjoni jew tal-SSM jew eżerċizzji ekwivalenti mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali, fejn applikabbli, ikkonfermati mill-awtorità kompetenti. ***Tali appoġġ ma għandux jintuża biex jindirizza nuqqas ta' kapital stabbilit fix-xenarju bażi ta' testijiet tal-istress nazzjonali, tal-Unjoni jew tal-MSU kollha jew eżerċizzji ekwivalenti mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, l-EBA jew l-awtoritajiet nazzjonali.***

Or. en

Emenda 327
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-punt (a)(iii) tal-paragrafu 1, l-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tkun permessa ***b'mod eċċezzjonali*** meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ieħor ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-istituzzjoni jew għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fit-test tal-istress rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti. ***L-ammont ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni akkwiżiti ma għandux jaqbeż 2 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.***	L-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tkun permessa meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ta' fondi proprji ieħor jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-istituzzjoni jew entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fl-istress test rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti.

Or. en

Emenda 328
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-punt (a)(iii) tal-paragrafu 1, l-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta'	B'deroga mill-punt (a)(iii) tal-paragrafu 1, l-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta'

Ekwità Komuni għandha tkun permessa ***b'mod eċċezzjonali*** meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ieħor ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-istituzzjoni jew għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fit-test tal-istress rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti. ***L-ammont ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni akkwiżiti ma għandux jaqbeż 2 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.***	Ekwità Komuni għandha tkun permessa meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ieħor ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-istituzzjoni jew għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fit-test tal-istress rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti.

Or. en

Emenda 329
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-***punt (a)(iii) tal-paragrafu 1***, l-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tkun permessa b'mod eċċezzjonali meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ieħor ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-istituzzjoni jew għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fit-test tal-istress rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti. L-ammont ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni akkwiżiti ma għandux jaqbeż 2 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata kkalkolat	B'deroga ***mir-raba' subparagrafu***, l-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tkun permessa b'mod eċċezzjonali meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ieħor ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-istituzzjoni jew għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fit-test tal-istress rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti. L-ammont ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni akkwiżiti ma għandux jaqbeż 2 % tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata kkalkolat

f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Or. en

Emenda 330
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ma tiġix mifdija, imħallsa lura jew itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija tal-ħruġ stabbilita fiż-żmien meta ngħatat tali miżura, l-awtorità kompetenti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1) hija ssodisfata b'rabta mal-istituzzjoni jew mal-entità li tkun irċeviet dawk il-miżuri ta' appoġġ, u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 331
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ma tiġix mifdija, imħallsa lura jew itterminata b'xi mod ieħor	F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a), ma tinfediex, ma titħallasx lura jew ma tiġix itterminata b'xi mod ieħor

f'konformità mat-termini tal-istrateġija tal-ħruġ stabbilita fiż-żmien meta ngħatat tali miżura, l-awtorità kompetenti għandha ***tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1) hija ssodisfata b'rabta mal-***istituzzjoni jew mal-entità ***li tkun irċeviet dawk il-miżuri ta' appoġġ, u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata***.	f'konformità mat-termini tal-istrateġija ta' ħruġ stabbilita fiż-żmien tal-għoti ta' tali miżura, l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti għandha ***titlob*** lill-istituzzjoni jew tal-entità ***tissottometti pjan ta' rimedju li jiddeskrivi l-passi li jridu jittieħdu sabiex tiġi żgurata jew imdaħħla mill-ġdid il-konformità mar-rekwiżiti superviżorji, il-vijabbiltà tagħha fuq medda twila ta' żmien u biex tħallas lura l-ammont dovut, kif ukoll l-iskeda ta' żmien assoċjata biex twettaq dan***.

Or. en

Emenda 332
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ma tiġix mifdija, imħallsa lura jew itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija tal-ħruġ stabbilita fiż-żmien meta ngħatat tali miżura, l-awtorità kompetenti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1) hija ssodisfata b'rabta mal-istituzzjoni jew mal-entità li tkun irċeviet dawk il-miżuri ta' appoġġ, u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata.	F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-punt (a) ***u (b)*** tal-paragrafu 1 ma tiġix mifdija, imħallsa lura jew itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija tal-ħruġ stabbilita fiż-żmien meta ngħatat tali miżura, l-awtorità kompetenti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1) hija ssodisfata b'rabta mal-istituzzjoni jew mal-entità li tkun irċeviet dawk il-miżuri ta' appoġġ, u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Forom preventivi ta' appoġġ jenħtieġ li jiġu ttrattati fuq bażi ugwali biex jippreservaw il-kundizzjonijiet ekwi, kemm jekk ikunu ġejjin minn fondi pubbliċi kif ukoll minn SGD privat. Fir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, huwa importanti li jiġi żgurat li tintuża l-aktar valutazzjoni xierqa.

Emenda 333
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-***punt (a)*** tal-paragrafu 1 ma tiġix mifdija, imħallsa lura jew itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija tal-ħruġ stabbilita fiż-żmien meta ngħatat tali miżura, l-awtorità kompetenti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1) hija ssodisfata b'rabta mal-istituzzjoni jew mal-entità li tkun irċeviet dawk il-miżuri ta' appoġġ, u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata.	F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix mifdija, imħallsa lura jew itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija tal-ħruġ stabbilita fiż-żmien meta ngħatat tali miżura, l-awtorità kompetenti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 32(1) hija ssodisfata b'rabta mal-istituzzjoni jew mal-entità li tkun irċeviet dawk il-miżuri ta' appoġġ, u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata.

Or. en

Emenda 334
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Irene Tinagli, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 32c – paragrafu 2 – subparagrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti ma tirrikonoxxix il-pjan ta' rimedju bħala kredibbli jew fattibbli, jew fejn l-istituzzjoni jew l-entità tonqos milli tikkonforma mal-pjan ta' rimedju, għandha titwettaq valutazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni jew l-entità hijiex qed tfalli jew aktarx li tfalli f'konformità mal-Artikolu 32.

Emenda 335
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) fl-Artikolu 33, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"	
2.	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni b'rabta ma' entità msemmija fil-punti (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), meta dik l-entità tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1).	
Għal dawk il-finijiet, entità msemmija fil-punti (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) għandha titqies li qed tfalli jew x'aktarx tfalli fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:	
(a) l-entità tissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 32(4);	
(b) l-entità tikser materjalment jew ikun hemm elementi oġġettivi li juru li l-entità, fil-futur qrib, se tikser materjalment ir-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fid-Direttiva 2013/36/UE.;	
"	

Or. en

Emenda 336
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 – punt -a (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 33a – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Il-perjodu tas-sospensjoni skont il-paragrafu 1 għandu jkun qasir kemm jista' jkun u ma għandux jeċċedi l-perijodu minimu ta' żmien li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tqis meħtieġ għall-finijiet indikati fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu u fi kwalunkwe każ ma għandux ikun itwal ***mill-perjodu mill-pubblikazzjoni ta'*** avviż ta' sospensjoni skont il-paragrafu 8 sa nofsillejl fl-Istat Membru tal-***awtorità ta' riżoluzzjoni*** tal-istituzzjoni jew l-entità fi tmiem il-jum tax-xogħol ta' wara l-jum tal-pubblikazzjoni. Meta jiskadi l-perijodu ta' sospensjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu, is-sospensjoni għandha ssir bla effett.	Il-perjodi ta' sospensjoni skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu kemm jista' jkun qosra u ma għandhomx jaqbżu l-perijodu minimu ta' żmien li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jqisu bħala neċessarju għall-finijiet indikati fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 1 u fi kwalunkwe każ ma għandhomx iktar minn***:***
Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza, dawn li ġejjin ikollhom l-istess klassifikazzjoni ta' prijorità, li tkun ogħla mill-klassifikazzjoni pprovduta taħt il-paragrafu (1):
	(a) depożiti koperti;
	(b) skemi ta' garanzija ta' depożiti li jissurrogaw għad-drittijiet u l-obbligi tad-depożitanti koperti f'insolvenza;

Or. en

Emenda 457
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt aa (ġdid)
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) Il-parti introduttorja tal-paragrafu 2 hija sostitwita b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-entitajiet imsemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1), pretensjonijiet mhux garantiti ordinarji jkollhom, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jirregolaw il-proċedimenti ta' insolvenza normali, klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla minn dik ta' pretensjonijiet mhux garantiti li jirriżultaw minn strumenti ta' dejn li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:	***"***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-entitajiet imsemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1), pretensjonijiet mhux garantiti ordinarji jkollhom, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jirregolaw il-proċedimenti ta' insolvenza normali, ***l-istess klassifikazzjoni ta' prijorità bħal depożiti oħra li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u*** klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla minn dik

ta’ pretensjonijiet mhux garantiti li jirriżultaw minn strumenti ta’ dejn li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:***”;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-objettivi ta’ riżoluzzjoni, depożiti ta’ korporazzjonijiet akbar ma għandhomx jiġu ttrattati aħjar minn dejn superjuri ieħor mhux garantit.

Emenda 458
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 55 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-għodod ta’ riżoluzzjoni msemmija fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 37(3) jintużaw għat-trasferiment ta’ parti biss mill-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-arranġament ta’ finanzjament ta’ riżoluzzjoni għandu jkollu pretensjoni kontra l-istituzzjoni jew l-entità residwa msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), għal kwalunkwe spiża u telf imġarrba mill-arranġament ta’ finanzjament ta’ riżoluzzjoni bħala riżultat ta’ kwalunkwe kontribuzzjoni magħmula għar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 101(1) b’rabta mat-telf illi kieku kienu jġarrbu l-krediturі.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pretensjonijiet tal-mekkaniżmu ta’ finanzjament ta’ riżoluzzjoni stabbilit hawnhekk u l-pożizzjoni preferenzjali tagħhom fi proċedimenti ta’ insolvenza probabbilment se jwasslu regolarment għal telf tal-iskemi ta’ garanzija tad-depożiti u għat-tnaqqis finanzjarju tagħhom. Dan imbagħad iwassal għal telf ta’ fiduċja min-naħa tad-depożitanti.

Emenda 459
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 55 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta l-għodod ta' riżoluzzjoni msemmija fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 37(3) jintużaw għat-trasferiment ta' parti biss mill-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jkollu pretensjoni kontra l-istituzzjoni jew l-entità residwa msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), għal kwalunkwe spiża u telf imġarrba mill-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni bħala riżultat ta' kwalunkwe kontribuzzjoni magħmula għar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 101(1) ***b'rabta mat-telf illi kieku kienu jġarrbu l-krediturі***.	8. Meta l-għodod ta' riżoluzzjoni msemmija fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 37(3) jintużaw għat-trasferiment ta' parti biss mill-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jkollu pretensjoni kontra l-istituzzjoni jew l-entità residwa msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1), għal kwalunkwe spiża u telf imġarrba mill-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni bħala riżultat ta' kwalunkwe kontribuzzjoni magħmula għar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 101(1).

Or. en

Emenda 460
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 55 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pretensjonijiet tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 37(7) ikollhom, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li	***imħassar***

jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza, klassifikazzjoni ta' prijorità ppreferuta, li għandha tkun ogħla mill-klassifikazzjoni prevista għall-pretensjonijiet ta' depożiti u ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pretensjonijiet tal-mekkaniżmu ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit hawnhekk u l-pożizzjoni preferenzjali tagħhom fi proċedimenti ta' insolvenza probabbilment se jwasslu regolarment għal telf tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u għat-tnaqqis finanzjarju tagħhom. Dan imbagħad iwassal għal telf ta' fiduċja min-naħa tad-depożitanti.

Emenda 461
Christophe Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 55 - punt b
2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pretensjonijiet tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 37(7) ikollhom, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza, klassifikazzjoni ta' prijorità ppreferuta, li għandha tkun ogħla mill-klassifikazzjoni prevista għall-pretensjonijiet ta' depożiti u ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 462
Pedro Marques, René Repasi, Aurore Lalucq, Jonás Fernández

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 55 - punt b
Artikolu 2014/59/UE
Artikolu 108 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pretensjonijiet tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 37(7) ikollhom, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza, klassifikazzjoni ta' prijorità ppreferuta, li għandha tkun ***ogħla mill-***klassifikazzjoni prevista għall-pretensjonijiet ta' depożiti u ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***;**	9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pretensjonijiet tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni msemmi fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 37(7) ikollhom, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom li jirregolaw il-proċedimenti normali ta' insolvenza, klassifikazzjoni ta' prijorità ppreferuta, li għandha tkun ***daqs il-***klassifikazzjoni prevista għall-pretensjonijiet ta' depożiti u ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 463
Eero Heinäluoma

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) [...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 464
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-approċċ "Innaqqsu d-distakk" jimmina l-prinċipju ewlieni li t-telf għandu jinġarr primarjament mill-azzjonisti u mbagħad mill-krediturі ta' bank li qed ifalli. L-approċċ "Innaqqsu d-distakk" mhuwiex meħtieġ peress li r-rekwiżiti tal-MREL jiżguraw finanzjament suffiċjenti għar-riżoluzzjoni.

Emenda 465
Joachim Schuster

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) [...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 466
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, u diment li tali azzjoni tiżgura li d-depożitanti jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, sabiex jiġi evitat li d-depożitanti jġarrbu telf, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li	***imħassar***

magħha tkun affiljata dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkontribwixxi l-ammonti li ġejjin:

(a) meta tiġi applikata l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, indipendentement jew flimkien mal-għodda ta' separazzjoni tal-assi, l-ammont li bih id-depożiti koperti kienu jiġu valwati b'mod negattiv jew ikkonvertiti sabiex jassorbu t-telf u jirrikapitalizzaw l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni skont l-Artikolu 46(1) kieku d-depożiti koperti kienu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna;

(b) meta jiġu applikati l-għodod tal-bejgħ ta' negozju jew tal-istituzzjoni tranżitorja, indipendentement jew flimkien ma' għodod ta' riżoluzzjoni oħrajn:

(i) l-ammont meħtieġ biex tiġi koperta d-differenza bejn il-valur tad-depożiti koperti u tal-obbligazzjonijiet bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla mid-depożiti u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li għandhom jiġu ttrasferiti lil riċevitur; kif ukoll

(ii) fejn rilevanti, ammont meħtieġ biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tar-riċevitur wara t-trasferiment.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed change of the current use of deposit guarantee schemes in the context of resolution is to be rejected. Otherwise, the financial contributions of deposit guarantee schemes for resolutions will be increased significantly in terms of frequency and amount of co-financing required. The use of deposit guarantee scheme funds for resolution measures is to be made standard, despite the fact that this is inappropriate and unnecessary.In addition, extending the scope of protection to include uncovered and unprotected deposits in resolution gives wholesale investors a free pass. This contradicts the mandate of the deposit protection scheme, which is to protect depositors in the event that a bank becomes insolvent by reimbursing up to 100,000 EUR of money deposited with the bank in question.

Emenda 467
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, u diment li tali azzjoni tiżgura li ***d-depożitanti*** jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, sabiex jiġi evitat li ***d-depożitanti*** jġarrbu telf, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha tkun affiljata dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkontribwixxi l-ammonti li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, u diment li tali azzjoni tiżgura li ***persuni fiżiċi u impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju*** jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, sabiex jiġu evitati ***milli*** jġarrbu telf, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha tkun affiljata dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkontribwixxi l-ammonti li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-għanijiet tar-riżoluzzjoni, korporazzjonijiet akbar ma għandhomx jiġu ttrattati aħjar minn klijenti oħra, li l-fondi u l-assi tagħhom huma diġà protetti mill-punt (e) tal-Artikolu 31(2). Hemm Test tal-Inqas Kost (ara l-proposta l-ġdida tal-Artikolu 109(2)) li għandu jiżgura ex-ante li t-telf għall-SGD f'likwidazzjoni kien ikun ogħla mill-kost tal-kontribuzzjoni tagħha fir-riżoluzzjoni.

Emenda 468
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ammont meħtieġ biex tiġi koperta d-differenza bejn il-valur tad-depożiti koperti u tal-obbligazzjonijiet bl-***istess*** klassifikazzjoni ta' prijorità ***jew*** bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla mid-	(i) l-ammont meħtieġ biex tiġi koperta d-differenza bejn il-valur tad-depożiti koperti u tal-obbligazzjonijiet bi klassifikazzjoni ta' prijorità ogħla mid-depożiti u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni

depożiti u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li għandhom jiġu ttrasferiti lil riċevitur; kif ukoll	taħt riżoluzzjoni li għandhom jiġu ttrasferiti lil riċevitur; kif ukoll

Or. en

Emenda 469
Christophe Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) fejn rilevanti, ammont meħtieġ biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tar-riċevitur wara t-trasferiment.	***imħassar***

Or. en

Emenda 470
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – subparagrafi 2, 3, 4 u 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każijiet imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, meta t-trasferiment lir-riċevitur jinkludi depożiti li ma jkunux depożiti koperti jew obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna u l-awtorità ta' riżoluzzjoni tivvaluta li ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 44(3) japplikaw għal dawk id-depożiti jew l-obbligazzjonijiet, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tikkontribwixxi:	***imħassar***
(a) l-ammont meħtieġ biex tiġi koperta d-differenza bejn il-valur tad-depożiti,	

inkluži d-depożiti li ma humiex koperti, u tal-obbligazzjonijiet bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew bi prijorità ogħla mid-depożiti u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li għandhom jiġu ttrasferiti lil riċevitur; kif ukoll

(b) fejn rilevanti, ammont meħtieġ biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tat-trasferiment għar-riċevitur.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, ladarba l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tkun għamlet kontribuzzjoni fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni toqgħod lura milli takkwista ishma f'impriżi oħrajn, kif ukoll distribuzzjonijiet b'rabta mal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jew pagamenti fuq strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali, jew minn attivitajiet oħrajn li jistgħu jwasslu għal ħruġ ta' fondi.

Fil-każijiet kollha, il-kost tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti ma għandux ikun akbar mill-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti kif ikkalkolat mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11e tad-Direttiva 2014/49/UE.

Meta jiġi ddeterminat permezz ta' valwazzjoni skont l-Artikolu 74 li l-kost tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għar-riżoluzzjoni kien akbar mit-telf li l-istituzzjoni kienet iġġarrab kieku ġiet stralċjata taħt proċedimenti normali ta' insolvenza, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun intitolata għall-ħlas tad-differenza mill-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 75.

Or. en

Emenda 471
Christophe Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn rilevanti, ammont meħtieġ biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tat-trasferiment għar-riċevitur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 472
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn rilevanti, ammont meħtieġ biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tat-trasferiment għar-riċevitur.	(b) fejn rilevanti, ammont meħtieġ biex tiġi żgurata n-newtralità tal-kapital tat-trasferiment għar-riċevitur. ***Id-deċiżjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li teskludi depożiti eliġibbli mill-applikazzjoni ta' setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni għandha tagħti lok għal preżunzjoni konfutabbli li tali esklużjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 44(3). Il-paragrafu 12 tal-Artikolu 44 ma għandux japplika għal tali esklużjoni.***

Or. en

Emenda 473
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każijiet kollha, il-kost tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti ma għandux ikun akbar mill-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti kif ikkalkolat mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11e tad-Direttiva 2014/49/UE.	Fil-każijiet kollha, il-kost tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti ma għandux ikun akbar mill-kost tal-ħlas lura lid-depożitanti kif ikkalkolat mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11e tad-Direttiva 2014/49/UE ***u l-ammont ugwali għal 50 % tal-livell fil-mira tagħha skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/49/UE. L-Istati Membri, jistgħu, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifitajiet tas-settur bankarju nazzjonali tagħhom, jiffissaw perċentwal li jkun ogħla minn 50 %.***

Or. en

Emenda 474
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jiġi ddeterminat permezz ta' valwazzjoni skont l-Artikolu 74 li l-kost tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għar-riżoluzzjoni kien akbar mit-telf li l-istituzzjoni kienet iġġarrab kieku ġiet stralċjata taħt proċedimenti normali ta' insolvenza, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun intitolata għall-ħlas tad-differenza mill-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 75.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-għanijiet tar-riżoluzzjoni, korporazzjonijiet akbar ma għandhomx jiġu ttrattati aħjar minn klijenti oħra, li l-fondi u l-assi tagħhom huma diġà protetti mill-punt (e) tal-Artikolu 31(2). Hemm Test tal-Inqas Kost (ara l-proposta l-ġdida tal-Artikolu 109(2)) li

għandu jiżgura ex-ante li t-telf għall-SGD f'likwidazzjoni kien ikun ogħla mill-kost tal-kontribuzzjoni tagħha fir-riżoluzzjoni.

Emenda 475
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-paragrafu 1 wara li tkun ikkonsultat l-iskema ta' garanzija tad-depożiti dwar il-kost stmat tal-ħlas lura lid-depożitanti skont l-Artikolu 11e tad-Direttiva 2014/49/UE u f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 36 ta' din id-Direttiva.	***imħassar***
L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu lill-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha hija affiljata l-istituzzjoni. L-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha timplimenta dik id-deċiżjoni mingħajr dewmien.;	

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed change of the current use of deposit guarantee schemes in the context of resolution is to be rejected. Otherwise, the financial contributions of deposit guarantee schemes for resolutions will be increased significantly in terms of frequency and amount of co-financing required. The use of deposit guarantee scheme funds for resolution measures is to be made standard, despite the fact that this is inappropriate and unnecessary.In addition, extending the scope of protection to include uncovered and unprotected deposits in resolution gives wholesale investors a free pass. This contradicts the mandate of the deposit protection scheme, which is to protect depositors in the event that a bank becomes insolvent by reimbursing up to 100,000 EUR of money deposited with the bank in question.

Emenda 476
Joachim Schuster

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt a
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-paragrafu 1 wara li tkun ikkonsultat l-iskema ta' garanzija tad-depożiti dwar il-kost stmat tal-ħlas lura lid-depożitanti skont l-Artikolu 11e tad-Direttiva 2014/49/UE u f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 36 ta' din id-Direttiva.	***imħassar***
L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu lill-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha hija affiljata l-istituzzjoni. L-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha timplimenta dik id-deċiżjoni mingħajr dewmien.;	

Or. en

Emenda 477
Joachim Schuster

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafi 2a u 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:	***imħassar***
"	
2a.	

Meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 biex jikkontribwixxu għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tittrasferixxi l-parteċipazzjonijiet tagħha ta' ishma jew ta' strumenti kapitali oħrajn fl-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lis-settur privat hekk kif iċ-ċirkostanzi kummerċjali u finanzjarji jippermettu dan.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tikkummerċjalizza l-ishma u strumenti kapitali oħrajn imsemmija fl-ewwel subparagrafu b'mod miftuħ u trasparenti, u li l-bejgħ la jirrappreżentahom ħażin u lanqas jiddiskrimina bejn xerrejja potenzjali. Kwalunkwe bejgħ bħal dan għandu jsir fuq termini kummerċjali.

2b.

Il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tingħadd mal-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8).

Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun limitata għall-ammont meħtieġ biex jintlaħqu l-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8). Wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta'

riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101.

Madankollu, l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet li ġew identifikati bħala entitajiet ta' likwidazzjoni fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp jew fil-pjan ta' riżoluzzjoni.;

"

Or. en

Emenda 478
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 biex jikkontribwixxu għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tittrasferixxi l-parteċipazzjonijiet tagħha ta' ishma jew ta' strumenti kapitali oħrajn fl-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lis-settur privat hekk kif iċ-ċirkostanzi kummerċjali u finanzjarji jippermettu dan.	***imħassar***
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tikkummerċjalizza l-ishma u strumenti kapitali oħrajn imsemmija fl-ewwel subparagrafu b'mod miftuħ u trasparenti, u li l-bejgħ la jirrappreżentahom ħażin u lanqas jiddiskrimina bejn xerrejja potenzjali. Kwalunkwe bejgħ bħal dan għandu jsir fuq termini kummerċjali.	

Ġustifikazzjoni

Il-bidla proposta tal-użu attwali tal-Użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tar-riżoluzzjoni għandha tiġi rrifjutata. Inkella, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' skemi ta' garanzija ta' depożiti għal riżoluzzjonijiet se jiżdiedu b'mod sinifikanti f'termini ta' frekwenza u ammont ta' kofinanzjament meħtieġ. L-użu ta' fondi ta' skema ta' garanzija tad-depożiti għal miżuri ta' riżoluzzjoni għandu jsir standard, minkejja l-fatt li dan mhuwiex xieraq u mhuwiex meħtieġ.

Emenda 479
Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tingħadd mal-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8).	***imħassar***
Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun limitata għall-ammont meħtieġ biex jintlaħqu l-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8). Wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-	

arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101.

Madankollu, l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet li ġew identifikati bħala entitajiet ta' likwidazzjoni fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp jew fil-pjan ta' riżoluzzjoni.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidla proposta tal-użu attwali tal-Użu tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tar-riżoluzzjoni għandha tiġi rriflutata. Inkella, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' skemi ta' garanzija ta' depożiti għal riżoluzzjonijiet se jiżdiedu b'mod sinifikanti f'termini ta' frekwenza u ammont ta' kofinanzjament meħtieġ. L-użu ta' fondi ta' skema ta' garanzija tad-depożiti għal miżuri ta' riżoluzzjoni għandu jsir standard, minkejja l-fatt li dan mhuwiex xieraq u mhuwiex meħtieġ.

Emenda 480
Christophe Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2b. Il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tingħadd mal-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8).	***imħassar***
Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta'	

riżoluzzjoni, il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun limitata għall-ammont meħtieġ biex jintlaħqu l-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8). Wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101.

Madankollu, l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet li ġew identifikati bħala entitajiet ta' likwidazzjoni fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp jew fil-pjan ta' riżoluzzjoni.;

Or. en

Emenda 481
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tingħadd mal-limiti stabbiliti fil-***punt (a)*** tal-Artikolu ***44(5)*** u ***fil-***punt (a) ***tal-Artikolu*** 44(8).	Il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tingħadd mal-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8).

Or. en

Emenda 482
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b

Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont ***it-tieni subparagrafu tal-***paragrafu 1 għandha tingħadd mal-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8).	Il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont il-paragrafu 1 għandha tingħadd mal-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8).

Or. en

Emenda 483
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, ***il-***kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti ***għandha tkun limitata*** għall-ammont meħtieġ biex jintlaħqu l-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8). Wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101.	Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, ***u fil-każ li l-SGD jinnotifika lill-awtorità ta' riżoluzzjoni li jantiċipa riskju li jiffaċċja nuqqas ta' likwidità, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tiddeċiedi li tillimita l-***kontribuzzjoni ***grossa*** tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għall-ammont meħtieġ biex jintlaħqu l-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8). ***F'tali każ,*** wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-

arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101***, u kwalunkwe telf li l-arranġament ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni b'hekk iġarrab bħala riżultat tal-intervent tiegħu għandu jitħallas lura lilha mill-SGD fuq perjodu ta' mhux aktar minn 6 snin***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

OPTION 1 : Bridge in liquidity support to the DGS: (Low level of ambition in CMDI package to harmonize crisis management) : The bridge needs to be negotiated hand in hand with the level of ambition on the rest of the review. If there is support for a material expansion of the scope of resolution, for a robust MREL requirement for new transfer tool with market exit, and further conditionalities on the alternative and preventive measures that have been used in the past to circumvent resolution, then it would be appropriate to introduce a loss sharing mechanism to offset part of the cost of the LC intervention of the DGS with the support of the resolution financing arrangement/SRF. If the level of ambition on the rest of the package is more limited, then the RF/SRF intervention under the "bridge" should be designed as a liquidity support for the concerned DGS, which would have to repay the RF/SRF after a certain period of time.

Emenda 484
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun ***limitata*** għall-ammont meħtieġ biex jintlaħqu l-limiti	Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun ***ekwivalenti għas-somma tal-***ammont meħtieġ biex jintlaħqu

stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8). Wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101.	l-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8) ***u tal-ammont ta' kontribuzzjoni mill-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni mmultiplikat bis-sehem ta' depożiti koperti bħala parti mill-obbligazzjonijiet totali fl-ambitu tat-trasferiment***. Wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101.

Or. en

Ġustifikazzjoni

OPTION 2 : Bridge in loss sharing between DGS and RF/SRF (High level of ambition in CMDI package to harmonize crisis management) : The bridge needs to be negotiated hand in hand with the level of ambition on the rest of the review. If there is support for a material expansion of the scope of resolution, for a robust MREL requirement for new transfer tool with market exit, and further conditionalities on the alternative and preventive measures that have been used in the past to circumvent resolution, then it would be appropriate to introduce a loss sharing mechanism to offset part of the cost of the LC intervention of the DGS with the support of the resolution financing arrangement/SRF. If the level of ambition on the rest of the package is more limited, then the RF/SRF intervention under the "bridge" should be designed as a liquidity support for the concerned DGS, which would have to repay the RF/SRF after a certain period of time.

Emenda 485
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti	Meta l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni magħmula mill-azzjonisti u mid-detenturi ta' strumenti

oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun limitata għall-ammont meħtieġ biex jintlaħqu l-limiti stabbiliti ***fil-punt (a) tal-Artikolu 44(5) u*** fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8). Wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101.	oħrajn ta' sjieda, id-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet oħrajn b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, jippermetti l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, il-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tkun limitata għall-ammont meħtieġ biex jintlaħqu l-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 44(8). Wara l-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, l-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni għandu jintuża f'konformità mal-prinċipji li jirregolaw l-użu tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni stabbilit fl-Artikoli 44 u 101.

Or. en

Emenda 486
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet li ġew identifikati bħala entitajiet ta' likwidazzjoni fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp jew fil-pjan ta' riżoluzzjoni.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 487
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1- punt 56 - punt b
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 2b – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet li ġew identifikati bħala entitajiet ta' likwidazzjoni fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp jew fil-pjan ta' riżoluzzjoni.;	Madankollu, l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet li ***jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:***
	i) dawn ġew identifikati bħala entitajiet ta' likwidazzjoni fil-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp jew fil-pjan ta' riżoluzzjoni;
	ii) huma qatt ma kkonformaw mar-rekwiżiti MREL kompluti tagħhom minn mindu ġew identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

OPTION 2 : Bridge in loss sharing between DGS and RF/SRF : (High level of ambition in CMDI package to harmonize crisis management) : The bridge needs to be negotiated hand in hand with the level of ambition on the rest of the review. If there is support for a material expansion of the scope of resolution, for a robust MREL requirement for new transfer tool with market exit, and further conditionalities on the alternative and preventive measures that have been used in the past to circumvent resolution, then it would be appropriate to introduce a loss sharing mechanism to offset part of the cost of the LC intervention of the DGS with the support of the resolution financing arrangement/SRF. If the level of ambition on the rest of the package is more limited, then the RF/SRF intervention under the "bridge" should be designed as a liquidity support for the concerned DGS, which would have to repay the RF/SRF after a certain period of time.

Emenda 488
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56 – punt d
Direttiva 2014/59/UE
Artikolu 109 – paragrafu 5 – subparagrafi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fil-paragrafu 5, jitħassru t-tieni u t-tielet subparagrafi;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Terġa' ddaħħal il-limiti għar-responsabbiltà tal-SGD.

Emenda 489
Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Perjodu ta' tranżizzjoni
	1. L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta tagħhom se tinbidel skont id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 45e jew 45f tad-Direttiva 2014/59/UE jew mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 45b(4), (5) jew (7) tad-Direttiva 2014/59/UE, kif xieraq, fi żmien ħames snin mid-data tal-approvazzjoni tal-pjan ta' riżoluzzjoni inkluża l-istrateġija ta' riżoluzzjoni l-ġdida preferuta.
	2. Matul il-perjodu tranżitorju msemmi fl-ewwel paragrafu, fil-każijiet imsemmija fil-punt (b), tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 109(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, kif emendata minn din id-Direttiva emendatorja, fejn it-trasferiment lir-riċevitur jinkludi depożiti li mhumiex depożiti koperti jew obbligazzjonijiet oħra b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, b'deroga mit-tieni subparagrafu ta' dak il-paragrafu, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tikkontribwixxi għall-ammont meħtieġ biex tkopri d-differenza bejn il-valur tad-depożiti, inkluż depożiti li mhumiex koperti, ta' obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna bi prijorità ogħla miżmuma minn klijenti mhux professjonali, kif definiti fil-punt

(11) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, u tal-obbligazzjonijiet bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew ogħla minn depożiti u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li għandhom jiġu trasferiti lir-riċevitur.

Or. en